**9 ta' Ġunju 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Vella

*versus*

Angelo Vella et.

**Aċċettazzjoni ta' Eredità — Benefiċċju tal-Inventarju — Konfużjoni — Impunjazzjoni ta' Legat — Art. 891 (3) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jagħmel atti li ma setgħax jagħmel ħlief bħala eredi jiġi li aċċetta taċitament l-eredità; u hekk hu jiġi jkompli l-personalità ġurid ka tal-awtur tiegħu, u ma jistax imur kontra l-atti ta' dak l-awtur. Kieku ried jikkonserva d-drittijiet tiegħu kontra l-wirt tal-awtur tiegħu, hu kien messu aċċetta l-eredità tiegħu bil-benefiċċju tal-inventarju. Meta ma għamelx hekk, hu jiġi li aċċetta l-eredità purament u sempliċement, u bħala eredi mhux benefiċjat għamel tiegħu l-piżijiet u l-konsegwenzi kollha tal-eredità; għax tkun operat ruħha il-konfużjoni kompleta bejn il-patrimonju tiegħu u dak ereditarju.*

*Konsegwentement, jekk wieħed, bħala eredi ta' ommu, kellu xi dritt kontra l-eredità ta' missieru, dan id-dritt ma jistax aktar jeżerċitaħ, għax ma jistax jimpunja l-atti kompjuti minn missieru. B'mod li, jekk il-missier ikun għamel xi legati li bihom iddispona minn ċerti beni fl-interezza tagħhom bħala legat, mentri dawk il-beni kienu in parti ta' martu, dak li aċċetta l-eredità tal-missier purament u sempliċement ma jistax jimpunja dawk il-legati, imma għandu jirrispettahom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, peress li fit-22 ta' Diċembru 1944 mietet Maria Assunta Vella, omm

il-kontendenti, ġa mart Salvatore Vella, li l-lum miet ukoll u li kien missier il-*kontendenti*; u *peress* li l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar il-konsistenza tal-assi ereditarju tal-imsemmija ommhom Maria Assunta Vella, billi l-attur jippretendi li fl-istess assi ereditarju għandhom jiġu nklużi wkoll *in-nofs indiviż tal-post f'Hal Tarxien, Trieq Sant' Anna* nru. 31 u n-nofs indiviż tal-fond l-ieħor f'Ħal Tarxien, Strada San Bartolomeo numri 3 u 4, jew il-valur tal-istess nofsijiet indiviżi tal-imsemmija fondi, u l-konvenuti minn naħa tagħhom jgħidu li dawn in-nofsijiet indiviżi jew valur tagħhom ma jiffurmawx parti mill-imsemmi assi ereditarju ta' Maria Assunta Vella; *premessa* kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, talab li għar-raġunijiet premessi jiġi dikjarat minn dil-*Qorti* illi l-imsemmija nofsijiet indivżi taż-żewġ fondi fuq riferiti, ċjoè dak nru. 31 St. Anne Street u dak nri. 3 u 4 St. Bartolomeo Street, Tarxien, jew valur korrispondenti għall-prezz tal-istess żewġ nofsijiet, jiffurmaw parti mill-assi ereditarju ta' ommhom Maria Assunta Vella. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi, kif spjegat* fid-dikjarazzjoni tal-konvenuti, u kif ripetut minnhom fid-dibattitu orali, l-attur ma jistax iżjed jippretendi ebda sehem mill-fondi in kwistjoni, billi huwa aċċetta l-*wirt ta' Salvatore Vella, missieru, li minn dawk* il-fondi ddispona fl-interezza tagħhom, u għalhekk, bħala wieħed mill-eredi, ma jistax jimpunja l-operat tal-awtur tiegħu;

Illi l-attur isostni li hu għadu ma aċċettax dak il-wirt, u *kwindi għandu* jiġi *eżaminat* jekk din l-aċċettazzjoni saretx jew le;

Illi l-fondi deskritti fiċ-ċitazzjoni kienu jappartjenu lill-*komunjoni* tal-akkwisti ġa *eżistenti bejn Maria Assunta* u Salvatore miżżewġin Vella, il-ġenituri tal-kontendenti, li minnhom l-omm mietet "ab intestato" u l-missier miet b'testment publikat minn Nutar *Paul Pellegrini Petit* fit-3

ta' Frar 1950 (fol. 6), fejn ħalla eredi tiegħu lill-kontendenti, u l-fondi in kwistjoni ħallihom b'titolu ta' prelegat lill-konvenuti biss. Wara li miet il-missier, l-attur mar għand il-konvenuti biex jara x'ħalla u jsir il-qsim; il-konvenuta kienet qa'tlu li mill-fond okkupat minnha u minn ħuha l-attur ma jmissu xejn, u għalhekk l-attur esklama:— "Għamiltu li ridtu!" Allura l-attur mar għand in-Nutar Pellegrini biex jara t-testment; dan qrahulu kollu, qallu li missieru kien ħallielu £50, u li, jekk ma jaċċettax it-testment, jitlifhom (fol. 11), u l-attur qal li fehem kollox (fol. 11 tergo). In segwitu, in-nutar bagħat għalieh biex isir l-iżbank tal-flus, u hu aċċetta li dan isir minn ħuh Angelo. Dawn il-flus ġew maqsuma, u minnhom l-attur irċieva £250, jiġifieri £200 ta' sehmu bħall-werrieta l-oħra u £50 li kien ħallielu missieru; u billi deherlu li dawn il-£50 kellu jeħodhom xkettі, dik il-filgħaxija stess talab u rċieva minn għand kull wieħed mill-konvenuti £16.13.4 oħra. B'dan il-mod, kif jidher ukoll mil'-verbal fol. 8, l-assi ta' Salvatore Vella ġie maqsum regolarment bejn il-kontendenti. Wara dan, l-attur refa' kopja tat-testment, ħadha għand l-avukat tiegħu, u beda jippretendi illi huwa għandu sehem mill-fondi prelegati lill-ħutu;

Illi din il-pretensjoni, fil-fehma tal-Qorti, mhix sostenibbli; għaliex l-attur, bħala eredi ta' missieru, ma jistax imur kontra l-volontà tal-awtur tiegħu. Ta' xejn l-attur, kif issottometta fil-verbal fol. 20, jippretendi illi formalment ma aċċettax l-eredità ta' missieru, għaliex il-fatti fuq elenkati huma tali li jimplikaw aċċettazzjoni taċita ta' dik l-eredità, u dawk l-atti l-attur ma kellux il-jedd li jagħmilhom jekk mhux bħala werriet (art. 891(3) Kod. Ċiv.);

Din l-aċċettazzjoni pura u sempliċi tal-eredità ħolqot il-konfużjoni l-aktar kompleta bejn il-patrimonju tiegħu u dak ereditarju, u konsegwentement, jekk huwa kellu xi dritt bħala eredi ta' ommu kontra l-wirt ta' missieru, huwa ma jistax jeżerċitah iżjed. "L'erede", josserva Pacifici Mazzoni, "acquistando l'eredità, diviene il rappresentante giuridico del defunto, anzi ne continua la personalità per quanto concerne i diritti patrimoniali; tanto che d'ora innanzi le due persone del defunto e dell'erede sono, in generale, riunite in una...... Quindi i diritti reali che il defunto

aveva sui beni appartenenti all'erede, o che questi aveva sui beni del defunto, si estinguono 'ipso jure' nel momento stesso in cui avviene la confusione dei due patrimoni. Del pari, niuno potendo dovere a sè stesso, l'acquisto dell'eredità ha per effetto di estinguere per confusione i diritti di credito che il defunto verso l'erede, o questi verso il defunto, aveva. Più ancora, l'erede puro e semplice non può impugnare gli atti fatti dal defunto" (Successioni, Vol. V, §99). Kieku l-attur ried jikkonserva d-drittijiet tiegħu kontra l-wirt ta' missieru, kien imissu aċċettaħ bil-benefiċċju tal-inventarju, u allura ż-żewġ patrimoni kienu jibqgħu distinti u separati (art. 931 Kod. Ċiv.); huwa, inveċi, bħala eredi mhux benefiċjat għamel tiegħu l-piżijiet u l-konsegwenzi kollha tal-eredità; u dan l-obligu, kif josserva Foramiti, huwa irrevokabbli, universali, u indiviżibbli; universali, u kwindi jikkomprendi "tutti i debiti passivi e tutte le specie di obligazioni a cui sarebbe tenuto il defunto o di cui sono affetti i suoi beni"; indiviżibbli, "perciocchè non può restringere l'accettazione dell'eredità o ad una certa natura di beni o ad una certa parte di quelli della medesima natura, per diminuire i carichi a proporzione" (Enciclopedia Legale, Vol. II, voce "Erede", paġ. 317 u 318);

Illi, għalhekk, l-attur ma jistax jippretendi l-porzjon tal-fondi in kwistjoni bħala wieħed mill-werrieta ta' ommu, kif qed jitlob biċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni opposta mill-attur fid-dibattitu orali, jiġifieri illi l-prelegati, kwantu għan-nofs tal-omm, huma nulli, billi l-konvenuti ġa kienu proprjetarji ta' sehemhom bħala werrieta tagħha; għaliex jekk għal dik il-porzjoni l-prelegat kien inutili (art. 739(1) Kod. Ċiv.), kien dejjem jista' jsir u jseħħ għall-porzjon tal-attur (art. 734 Kod. ċit.);

Illi, del resto, dawk il-prelegati huma legalment validi, billi t-testatur uniforma ruħu mal-formalità rikjesta mill-art. 735 tal-imsemmi Kodiċi;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż.